DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/810

tat-13 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 ([1]), li stabbiliet miżura ta' assistenza b'ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 450 000 000 maħsub biex ikopri l-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali ('l-ammont ta' referenza finanzjarja').

(2) Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/471 ([2]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 900 000 000.

(3) Fit-13 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/636 ([3]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 1 350 000 000.

(4) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/809 ([4]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 1 840 000 000.

(5) Fil-21 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1285 ([5]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 2 330 000 000.

(6) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1971 ([6]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 2 820 000 000.

(7) Fit-2 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/230 ([7]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 3 120 000 000.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/338 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 60, 28.2.2022, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/471 tat-23 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 96, 24.3.2022, p. 43).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/636 tat-13 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 117, 19.4.2022, p. 34).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/809 tat-23 ta' Mejju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 40).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1285 tal-21 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 195, 22.7.2022, p. 93).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1971 tas-17 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 270, 18.10.2022, p. 95).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-kunsill (PESK) 2023/230 tat-2 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 62).

(8) F'konformità mal-ħtiġijiet urġenti tal-Ukrajna, kif diskussi b'mod partikolari fid-9 ta' Frar 2023 fil-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew, u abbażi tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2023, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 1 000 000 000 addizzjonali.

(9) Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Kunsill qabel dwar approċċ fuq tliet binarji bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitħaffu l-konsenja u l-akkwist konġunt, bil-mira ta' miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija għall-Ukrajna fi sforz konġunt fit-12-il xahar li ġejjin, u appella għall-implimentazzjoni rapida ta' dawk it-tliet binarji, li huma interkonnessi u li jeħtieġ li jiġu segwiti b'mod parallel u kkoordinat. Il-Kunsill appella lill-Istati Membri biex b'mod urġenti jikkonsenjaw munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija lill-Ukrajna u, jekk mitlub, missili. Il-Kunsill ser jirċievi aġġornamenti regolari ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-ilħuq tal-objettiv ta' miljun ċiklu ta' munizzjon tal-artillerija għall-Ukrajna. Fir-rigward tat-tielet binarju, il-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti biex tappoġġa b'mod urġenti t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' manifattura tal-industrija tad-difiża Ewropea, tiżgura l-ktajjen tal-provvista, tiffaċilita proċeduri ta' akkwist effiċjenti, tindirizza n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni u tippromwovi l-investimenti, inkluż, fejn xieraq, il-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(10) Ser jiġu organizzati wkoll laqgħat regolari fil-livell tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti mat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża (il-Kummissjoni, is-SEAE, l-EDA), biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet industrijali kif ukoll biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni mill-qrib meħtieġa, speċjalment fir-rigward tal-provvista mill-istokkijiet, il-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet eżistenti u l-proġetti differenti ta' akkwist konġunt, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata tat-tliet binarji differenti.

(11) Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ser jimmonitorja l-implimentazzjoni koordinata u parallela tal-approċċ fuq tliet binarji.

(12) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 4 120 000 000.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 4 120 000 000. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġits emendatorji u annwali relatati li jikkorrispondu għall-Miżura ta' Assistenza.

4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sa data li tiġi ddeterminata mill-Kunsill:

(a) In-nefqa massima eliġibbli mġarrba qabel il-11 ta' Marzu 2022 għandha tkun ta' EUR 450 000 000.

(b) L-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-11 ta' Marzu 2022 sal-20 ta' Lulju 2022 għandu jkun ta' EUR 1 390 000 000.

(c) L-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2022 u t-30 ta' Novembru 2022 għandu jkun ta' EUR 677 420 154,06.

(d) L-ammont ta' EUR 1 602 579 845,94 għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Diċembru 2022. EUR 1 000 000 000 minn dan l-ammont għandhom ikunu eliġibbli mid-9 ta' Frar 2023 sal-31 ta' Mejju 2023 għall-finanzjament tar-rimborż ta' materjal mogħti minn stokkijiet eżistenti jew mill-prijoritizzazzjoni mill-ġdid ta' ordnijiet eżistenti, imwassla matul dak il-perjodu, fir-rigward ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, u, jekk mitlubin, missili. Kwalunkwe fond mhux użat minn dan l-ammont tal-aħħar għandu jintuża għar-rimborż tat-tagħmir letali kollu eliġibbli taħt din il-miżura ta' assistenza mill-1 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-lista ta' rekwiżiti tal-Ukrajna.

(e) In-nefqa relatata mal-manutenzjoni u t-tiswija għandha tkun eliġibbli mis-17 ta' Ottubru 2022, u n-nefqa relatata mal-attrezzament mill-ġdid għandha tkun eliġibbli mit-2 ta' Frar 2023.".

(2) fl-Artikolu 4(4), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika Ċeka";

(3) fl-Artikolu 4, fil-paragrafu 4, il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) il-Ministeru għad-Difiża Nazzjonali tal-Litwanja";

(4) fl-Artikolu 7, jinżdied il-paragrafu li ġej:

"Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta regolarment, kull xahar lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2(4), il-punt (d), rigward l-għadd ta' kunsinni ta' munizzjon tal-artillerija, u, jekk mitluba, missili, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL